Australian Government
Inspector-General of Taxation
Taxation Ombudsman

# Tilwim tat-Taxxa?

Maltese

# Min aħna

L-Ispettur-Ġenerali u l-Ombudsman tat-Taxxa (The Inspector-General & Taxation Ombudsman (IGTO)) hi aġenzija indipendenti tal-Gvern Federali responsabbli biex tgħinek fit-tilwim li jkollok mal-Uffiċċju tat-Taxxa Awstraljan (Australian Taxation Office (ATO)) u l-azzjoni amministrattiva tal-Bord ta' Professjonisti tat-Taxxa (Tax Practitioners Board (TPB)).



1300 44 88 29
(prezz ta' telefonata lokali)

# Kif nistgħu ngħinuk

Aħna nipprovdu servizz indipendenti, b'xejn, ta' speċjalista tat-taxxa biex j/tgħinek issolvi l-ilmenti tiegħek.

'Azzjoni Amministrattiva' hu terminu wiesgħa li ġeneralment jinkludi l-ġustizzja u raġonevolezza tal-ATO u t-TPB fit-trattament miegħek.

Eżempji kif l-IGTO tista' tghinek, jinkludu imma mhux limitati għal:

- iż-żmien ta' rispons għal petizzjonijiet tiegħek;
- il-kondotta tal-uffiċjali tal-ATO u t-TPB;
- id-disponibbiltà ta' servizzi onlajn;
- l-assikurazzjoni jew adekwazija ta' spjegazzjoni tal-azzjonijiet tal-ATO jew it-TPB;

www.igt.gov.au

- jiżguraw li l-azzjonijiet tal-ATO jew it-TPB jaqblu mal-etika u proċeduri tagħhom; u
- jiżguraw li l-ATO jew it-TPB jaġixxu miegħek b'imġieba u manjiera trasparenti u li jikkunsidraw kull informazzjoni relevanti pprovduta, inkluż fl-investigazzjonijiet u r-reviżjonijiet.

Jekk m'intix żgur jekk aħna nistgħux ngħinuk, jekk jogħġbok ikkuntattjana.

Jekk aħna ma nkunux nistgħu ngħinuk direttament, aħna nagħmlu li nistgħu biex nipprovdu pariri dwar l-aktar aġenzija jew korp addattati li jkunu jistgħu jgħinuk.

GPO Box 551, Sydney NSW 2001

# Il-proċess tal-ilmenti

Biex tissottometti l-ilment tiegħek mal-uffiċju tagħna, ara s-sezzjoni "Kif tikkuntattjana" (How to contact us).

Wara li tissottometti l-ilment tiegħek, uffiċjal tal-investigazzjoni jikkuntattjak fi żmien jumejn ta' xogħol biex jirrikonoxxi u jiddiskuti l-ilment tiegħek miegħek.

Jekk hu possibli aħna direttament ngħinuk biex tindirizza l-ilment tiegħek.

Għandu mnejn li aħna jkollna bżonn aktar informazzjoni minn għandek, l-ATO jew it-TPB biex nifhmu aħjar l-ilment tiegħek u niddeterminaw kif l-aħjar li nistgħu ngħinuk.

Minn naħa tagħna aħna nżommuk aġġornat rigward il-progress u matul il-proċess nipprovdulek qafas ta' x'qiegħed jiġri tul l-investigazzjoni.

# Kif tikkuntattjana

www.igt.gov.au

**1300 44 88 29**
**(prezz ta' telefonata lokali)**

**GPO Box 551**
**Sydney NSW 2001**

Jekk trid tagħmel ilment f'lingwa mhux Ingliża ċempel it-Translating and Interpreting Service (TIS) fuq **131 450**.

Jekk għandek xi problema ta' smiegħ jew kif titkellem u għandek aċċess għal teletypewriter (TTY) jew modem, ċempel **13 36 77**.

Jekk ma għandekx aċċess ta' TTY jew modem, ċempel lill-iSpeech to Speech Relay Service fuq **1300 555 727**.